

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2015 – Toshiba vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-404/12) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-proġetti li jirrigwardaw switchgear iżolat bil-gass — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament parzjali tad-deċiżjoni inizjali mill-Qorti Ġenerali — Multi — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta' motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Ammont inizjali — Livell ta' kontribuzzjoni għal ksur”)

(2016/C 078/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Toshiba Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: J. F. MacLennan, solicitor, u A. Schulz u S. Sakellariou, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

Suġġett

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 4381, tas-27 ta' Ġunju 2012, li temenda d-Deċiżjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (li sar l-Artikolu 101 TFUE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sal-punt li kienet indirizzata lil Mitsubishi Electric Corp. u Toshiba Corp. (Kawża COMP/39.966 – Switchgear Iżolat bil-Gass – Multi), u, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Toshiba Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 343, 10.11.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2016 – Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-409/12) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-proġetti li jirrigwardaw switchgear iżolat bil-gass — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament parzjali tad-deċiżjoni inizjali mill-Qorti Ġenerali — Multi — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Drittijiet tad-difiża — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Żball ta' evalwazzjoni — Ammont inizjali — Livell ta' kontribuzzjoni għall-ksur — Koeffiċjent ta' dissważjoni”)

(2016/C 078/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mitsubishi Electric Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: R. Denton, J. Vyavaharkar, R. Browne, L. Philippou, M. Roald u J. Robinson, Solicitors, u K. Haegeman, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan u P. Van Nuffel, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 4381, tas-27 ta' Ġunju 2012, li temenda d-Deċiżjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (li sar l-Artikolu 101 TFUE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sal-punt li kienet indirizzata lil Mitsubishi Electric Corp. u Toshiba Corp. (Każ COMP/39.966 – Switchgear Iżolat bil-Gass – Multi), sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti, u sussidjarjament, talba għall-emenda tal-Artikolu 1 tal-istess deċiżjoni sabiex jiġi rrevokat, jew fin-nuqqas ta' dan, imnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

- 2) *Mitsubishi Electric Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 343, 10.11.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta Jannar 2016 – Ntouvas vs ECDC

(Kawża T-94/13 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Evalwazzjoni — Rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2010 — Ċħid tar-rikors fl-ewwel istanza — Terminu għall-preżentata tad-difiża — Proroga — Ċirkustanzi eċċezzjonali — Artikolu 39(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Regolarità tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni”)

(2016/C 078/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Ioannis Ntouvas (Agios Stefanos, il-Greċja) (rappreżentant: V. Kolas, avukat)

Il-parti l-oħra fil-proċedura: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: inizjalment R. Trott, sussegwentement J. Mannheim u A. Daume, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Diċembru 2012, Ntouvas vs ECDC (F-107/11, ĠabraSP, EU:F:2012:182), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*